# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Settembru 2024**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Mattheo Jesmond DEBONO**
**(KI 149502L)**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Novembru 2022 kontra Mattheo Jesmond DEBONO li ġie mixli li rrenda ruħu ħati talli fid- 9 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' 23:45 fi Triq il-Korp tal-Pijunieri f'San Pawl il-Baħar saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TEO-250 :
(a) Meta ma kellhiex liċenza fis-sensi tal-art. 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta u
(b) Saq din il-vettura bil-mutur fit-toroq mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skont l-art. 3(1) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li rat l-atti u semgħet il-provi prodotti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet

kollha iżda fiċ-ċirkostanzi illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sena mid-data ta' dik is-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST MILL-AVUKAT ĠENERALI

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex:

> Tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kollha fil-konfront tiegħu, filwaqt li tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta, tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-Ġustizzja.

4. Dan wara li ppremettiet, fil-qosor, illi bħala persuna mingħajr liċenza tas-sewqan l-intimat ma setgħa qatt iressaq il-prova li huwa kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni. B'hekk filwaqt li dik il-Qorti kienet korretta meta sabitu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontih, mill-banda l-oħra ma kienetx korretta fil-parti tal-piena.

5. L-argument prinċipali tal-Avukat Ġenerali huwa li l-artikolu 3(2B) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta kien jeskludi espliċitament l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation fil-każ ta' sejbien ta' ħtija ta' reat taħt dak il-Kapitolu.

6. B'hekk dik il-Qorti ma setgħetx tirrikorri għal piena alternattiva ġaladarba sabet lill-imputat ħati ta' reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Mill-banda l-oħra il-piena li kellha tiġi inflitta kellha tkun dik taħt l-artikolu 3(2) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta iġifieri:

   (a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;

8. Imbagħad l-art. 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta kien jippreskrivi "piena addizjonali" fil-forma tal-iskwalifika tal-liċenza.

9. B'hekk l-Avukat Ġenerali qieset li l-piena għandha sservi mhux biss fini rijabilitattiv iżda wkoll wieħed ta' deterrent biex persuna

jaħsbuha darbtejn qabel ma jsuqi vetturi bil-mutur mingħajr liċenza u konsegwentement mingħajr assikurazzjoni.

10. Għal dawn l-argumenti l-appellat wieġeb fit-trattazzjoni tiegħu kif ukoll permezz ta' nota preżentata fid-9 t'April 2024. Huwa jgħid li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u wara li semgħet lil Uffiċjal Prosekutur kif ukoll lill-Avukat Difensur għażlet li timponi piena alternattiva.

11. Argumenta li l-artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta kien jippermetti lil Qorti li tinżel taħt il-minimum. Dan kien frott ta' patteġġjament informali li kien sar bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qabel ma ingħatat is-sentenza. Din il-Qorti ma setgħetx allura tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm din ma kienetx irraġonevoli. Għal massimu, jekk din il-Qorti kienet tħoss li l-argument tal-Avukat Ġenerali kien jimmerita akkoljiment hija kellha tirrimanda l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex l-appellat ma jiġix imċaħħad mill-benefiċċju tal-eżami doppju.

**Ikkunsidrat:**

12. Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza patria li f'materja ta' appell minn piena, Qorti ta' appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti biss fl-eventwalita' li jirriżultalha l-piena inflitta tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Fil-fatt fl-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiż nhar il-25 t'Awissu 2005, intqal:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court

might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."

Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

13. Din il-Qorti trid tevalwa jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kemm fl-appell **Kandemir** kif ukoll dak sussegwenti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiż nhar il-15 ta' Diċembru 2005 ġie ribadit li din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex il-Qorti tal-appell kienet tkun lesta li tagħti piena iżgħar jew differenti minn dik li tkun erogat l-ewwel Qorti. Jekk il-piena mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza kienet għola minn dik il-piena li l-qorti ta' appell kienet tagħti li kieku kienet hi li kienet qegħda teroga l-piena fl-ewwel lok ma jfissirx li dan awtomatikament iwassal biex l-appell mill-piena jiġi milqugħ. Biex l-appell mill-piena jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti bħala qorti ta' appell ma tinterferix mal-pieni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati sakemm dawn ma jkunux żbaljati fil-prinċipju, anke jekk jistgħu ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi wħud. Jekk il-piena mogħtija setgħet tingħata fil-fatt u fid-dritt, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdilha.

14. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula, irid jiġi pruvat li l-Qorti tal-Maġistrati tkun ħadet żball fil-prinċipju meta hija tkun tagħat dik il-piena.

15. Dan jirrifletti wkoll il-ħsieb tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra fejn ġiet żviluppata wkoll it-teorija tas-sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Dan il-ħsieb jgħallem li sempliċiment għax sentenza fl-ewwel istanza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar

ħarxa tal-ispektrum, b'daqshekk din ma tkunx bilfors tissodisfa t-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta.

16. Il-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra u Wales tenniet ukoll li appell fuq il-piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għar-reat in kwistjoni jew għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li l-Qorti tal-Appell kienet tkun lest teroga għall-każ in kwistjoni kieku kellha tiddeċiedi l-piena hi fl-ewwel lok.

17. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir- Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

18. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat:**

19. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet konxja sew mill-fatt li kienet sejra teżerċita diskrezzjoni speċjali fl-għoti tal-piena. Dan jirriżulta mill-verbal a fol 6 fejn il-Qorti tgħid testwalment hekk:

> Il-Qorti filwaqt li issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ((Sec 15(1)(a)(3), Chap 65), (Sec 3(1), Chap 104)) tara illi dan huwa kaz

fejn tenut kont ic-cirkostanzi, minkejja ma tapplikax l-eccezzjoni taht l-Art 3(1)(b) tal-Kap 104 (fir-rigward tat-tieni (2) akkuza) madanakollu thoss illi tista tapplika l-Artiklu rilevanti tal-att dwar il-probation u ghaldaqstant minkejja li qed issib il-htieja qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena millum.

20. Dan il-verbal jixhed il-fatt li dik il-Qorti kienet qegħda tħoss li dan il-każ kien jimmeritah trattament differenti fil-piena minn każijiet oħra minħabba ċ-ċirkostanzi tiegħu. X'kienu dawn iċ-ċirkostanzi mhux magħruf peress li ħadd mill-partijiet ma vverbalizza xi raġunijiet speċjali jew eċċezzjonali, kif solitament jiġri. L-anqas il-Qorti ma semmiet xejn fil-verbal tagħha. Għal dan in-nuqqas jista' jkun hemm diversi raġunijiet. Iżda ma jispettax lil din il-Qorti tispekula.

21. Il-fatt hu li dik il-Qorti ħasset li kellha timponi piena alternattiva għal dik imsemmija fil-Liġi u l-anqas ma timponi l-piena tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan. Il-kwistjoni legali hija jekk dik il-Qorti setgħetx legalment u raġonevolment tagħmel dan. Fis-sistema penali Malti hija l-Liġi nnifisha li tippreskrivi kif, meta u fejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tmur lil hinn mill-pieni u konsegwenzi ta' sejbien ta' ħtija li jkunu stipulati b'saħħa ta' Liġi. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali f'Malta ma għandhomx diskrezzjoni assoluta u mingħajr xkiel dwar meta, fejn u kemm iwaħlu pieni. Hija l-Liġi li tistabbilixxi n-natura tal-pieni u l-parametri tal-pieni li jistgħu jiġu erogati minn dawk il-Qrati; u dawk l-istess Qrati huma marbuta li jsegwu dawk il-parametri u regoli. Jekk xi Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tal-ewwel istanza tonqos milli tagħmel dan, il-ġudizzju tagħha jkun suġġett għal reviżjoni mill-Qorti tal-appell.

22. F'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali għandha raġun targumenta li kwantu għar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni, hija l-Liġi stess li, fl-artikolu 3(2B) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-iktar mod ċar teskludi bla tlaqlieq il-possibilita li f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' reat taħt dak l-artikolu 3 tal-Kap 104:

> (2B) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation, ma japplikawx fil-każ ta' xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

23. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minkejja r-rieda tajba tagħha, ma setgħetx timponi piena

alternattiva taħt l-Att dwar il-Probation; daqskemm ma setgħetx timponi piena taħt il-minimum preskritt mill-Liġi. Kienet il-Liġi stess li ma tħallihiex tagħmel dan. U dan allura japplika wkoll għal kwalunkwe patteġġjament li setgħa sar b'mod informali bejn il-partijiet involuti. Għalkemm ebda patteġġjament ma jorbot idejn lil Qorti – aktar u aktar jekk ikun patteġġjament informali – l-anqas ftehim milħuq bejn il-partijiet ma jista' jmur kontra liġi ċara u miktuba.

24. Għalkemm dik il-Qorti setgħet, sa' ċertu punt, tagħżel li tapplika ċerti disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation fir-rigward ta' sejbien ta' ħtija taħt l-ewwel imputazzjoni, mill-banda l-oħra, ma kienx possibbli għall-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ li ssib ħtija taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena minħabba l-fatt li dik il-piena tista' tingħata taħt l-Att dwar il-Probation li l-istess artikolu 3(2B) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta jgħidlek li ma jistax jiġi applikat f'dan il-każ.

25. Apparti dan, minn imkien ma jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħadet id-deċiżjoni tagħha li timponi piena alternattiva in bażi għall-artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie invokat mill-appellat fin-nota tiegħu preżentata fid-9 t'April 2024. Il-Qorti tal-Maġistrati qalet li dan ma kienx każ li kien japplika għalih l-artikolu 3(1)(b) (sic! 3(1B)) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.[1] Iżda imkien ma semmiet l-artikolu 3(2A) tal-istess Kap.

26. Dan allura jwassal għall-konklużjoni li l-Avukat Ġenerali għandha raġun fl-argument prinċipali tagħha li l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ ma kienetx korretta fil-prinċipju.

27. Jibqa' mbagħad il-punt marbut ma' liema element diskrezzjonali setgħa kellha l-Qorti tal-Maġistrati meta eskludiet ukoll l-imposizzjoni tas-sanzjoni tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan f'dan il-każ.

28. Kemm taħt il-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt il-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta is-sanzjoni tal-iskwalifika tal-liċenza hija, bħala regola, tassattiva, iġifieri trid tiġi imposta mill-Qorti bilfors.

[1] (1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.

29. F’dan il-każ l-appellat ġie mixli taħt l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, iġifieri li kien qed isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza. Ma hemmx prova ta’ sewqan bla kont, traskuraġni jew perikoluż u wisq anqas allura setgħa jinstab ħati ta’ hekk. Dan allura jfisser li kien applikabbli l-artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta li jimponi l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem.

30. Mill-banda l-oħra, s-sejbien ta’ ħtija taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 jeżiġi li s-sewwieq jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta’ tnax il-xahar. Biss hawnhekk il-Liġi żżid parti oħra li tgħid :

> Kull min jinstab ħati ta’ reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta’ skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta’ tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:

31. Verament li kif ingħad qabel, la fil-verbali tagħha u l-anqas fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati ma qaletx li ma kienetx qegħda tagħti l-piena u s-sanzjoni sospensiva taħt il-Kap 104 tal-Liġijiet ta’ Malta grazzi għall-applikazzjoni ta’ dan is-subartikolu. Iżda d-Difiża offriet l-interpretazzjoni tagħha ta’ dan is-subartikolu fis-sens li kien applikabbli għal dan il-każ u li kien saħansitra jippermetti lil Qorti tal-Maġistrati li timponi piena alternattiva jew taħt il-minimum kif ukoll teħles kompletament lill-ħati mis-sanzjoni tal-iskwalifika.

32. Kif ingħad qabel pero jidher li minn moħħ il-Qorti għadda ħsieb li hija setgħet timponi piena alternattiva taħt xi disposizzjoni tal-Liġi, li pero ma speċifikatx. B’hekk din il-Qorti ma tistax teskludi li dik il-Qorti kienet qegħda taħseb fl-applikazzjoni ta’ dan is-subartikolu meta erogat il-piena tagħha.

33. Biss fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan is-subartikolu ma jagħtix is-setgħa lill-Qorti tal-Maġistrati li teħles lill-ħati mill-piena jew pieni stabbiliti skont dik il-Liġi. Qabel xejn dan is-sub-artikolu qiegħed jitratta element ta’ diskrezzjoni li l-Qorti qegħda tiġi mogħtija b’din il-Liġi speċjali sabiex f’dawk il-każijiet fejn persuna tinstab ħatja ta’ reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta’ Malta, hija tiġi

skwalifikata milli jkollha jew li tikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li fiha tkun ġiet misjuba ħatja.

34. Iġifieri dak is-sub-artikolu mhux qiegħed jikkontempla l-piena għar-reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li s-subartikolu li jippreskrivi l-piena għal reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap 104 huwa s-sub-artikolu 3(2)(a)(b)(c)(i)(ii) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

35. Dak li s-sub-artikolu 3(2A) jagħmel huwa li jagħti element ta' diskrezzjoni lill-Qorti – marbuta mas-suġġett ta' dak is-sub-artikolu, iġifieri s-sanzjoni tal-iskwalifika – fejn il-Qorti tista', għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor dwar l-iskwalifika u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika.

36. Dan is-sub-artikolu joħloq is-sanzjoni tal-iskwalifika għal perjodu ta' żmien ta' tnax-il xahar mid-data li fiha l-persuna imputata tkun ġiet misjuba ħatja. Iżda l-Liġi tagħraf li ċ-ċirkostanzi tal-każ jistgħu ikunu tali li persuna misjuba ħatja tkun timmerita li tingħata perjodu ta' skwalifika itwal minn dak ta' tnax il-xahar.

37. Daqstant ieħor pero jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun tista' tikkonsidra mod ieħor. Mod ieħor hawnhekk trid tinqara' b'riferenza għall-istess skwalifika, fis-sens li bħal ma tista' tqis li l-każ ikun jimmerita żmien ta' skwalifika itwal minn tnax il-xahar daqstant ieħor jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn tqis li jkun xieraq li persuna tingħata żmien anqas ta' skwalifika, jew ċirkostanzi oħra fejn ma tqisx li s-sanzjoni tal-iskwalifika tkun indikata.

38. Din l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta tista' toffri element diskrezzjonali lil Qorti ta' Ġustizzja Kriminali wiesa' fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda l-istess element diskrezzjonali mhux ukoll previst taħt l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati setgħet eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma terogax is-sospensjoni tal-liċenza dwar it-tieni imputazzjoni in bażi għal dak previst fl-artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ma setgħetx mill-banda l-oħra teħles lill-ħati

mis-sospensjoni tal-liċenza in konsegwenza għal sejbien ta' ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni.

# Deċide

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tiddeċiedi billi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu filwaqt li tħassarha f'dik il-parti fejn illiberat lil ħati bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sena u minflok, tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' multa fl-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) kif ukoll tordna li l-ħati jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' ħmistax il-jum li jibdew jgħoddu minn nofs il-lejl tal-lum.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**